MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2006

Numru 594/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Agius)**

**vs**

**Pauline Aquilina**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Pauline Aquilina** ta’ 43 sena, mart Joseph, bint Lawrence Spiteri u Mary *nee’* Pace, mwielda Pieta’ fid-19 ta’ Novembru, 1962, residenti 89, ‘Xydi’ Triq Xintill, Tarxien, u detentrici tal-karta tal-identita numru 691962M;

Talli fit-18 ta’ Majju, 2006, ghall-habta tal-4:00pm gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta, Gudja:

1. minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkagunajt offizi ta' natura gravi u cioe' kkagunajt debolizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjon ta' xi parti tal-gisem, jew igib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem ta' Micallef Maria Therese skond kif iccertifika it-tabib Dr. Adrian Spiteri M.D. tal-Isptar San Luqa.

2. talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ksirt il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied.

3. talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi bi kliem insultajt jew heddidt lil Micallef Maria Therese.

4. talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi ghidt fil-pubbliku kliem oxxen u incidenti.

5. talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi hebbejt kontra Micallef Maria Therese sabiex tingurjaha, iddejjaqha jew taghmilha l-hsara.

6. talli fl-istess, data, lok, hin u cirkostanzi mbuttajt lil Micallef Maria Therese biex twegghaha jew tinsulentaha.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tipprovdi ghas-sigurta tal-Persuna Micallef Marie Therese u tapplika l-provedimenti tal-Atikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tat-30 t'Awissu 2006 li permezz tieghu baghat lill-imputata sabiex tkun iggudikata minn din il-Qorti ghal dak li hemm ravvizzat fl-artikoli 17 (c), 20, 23, 30, 214 sa 218, 338 (bb) (dd), 339 (b) (d) (e), 533 tal-Kap 9

Rat in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputata sabiex il-kaz taghha jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Semghet ukoll l-ammissjoni tal-imputata.

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghha.

Rat l-artikoli 17 (c), 20, 23, 30, 214 sa 218, 338 (bb) (dd), 339 (b) (d) (e), 533 tal-Kap 9

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputata.

Minflok li tikkundannaha qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputata naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------